**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 485/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Carmelo Ghigo**

Illum 18 ta' Jannar 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Carmelo Ghigo, ta' 71 sena, bin Jerome u Mary xebba Zammit, imwieled l-Imqabba nhar il-05 ta' Settembru 1944, residenti 15, Falcon Farm, Triq il-Fawwara, Siġġiewi u detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 838544M

U nakkużah talli nhar it-03 ta'Ġunju 2016, għall-ħabta tas-19.00 ta' filgħaxija, ġewwa s-Siġġiewi:

1)Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Rita Borg f'periklu ċar, ikkaġunajt ġriehi ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr. J. Vassallo MD;

2)U aktar talli għamel inġurji u theddid lil Gilbert Borg u Rita Borg

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javviċina lil Gilbert Borg u Rita Borg u r-residenza tagħhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2016, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza kif ukoll il-kawzi Il-Pulizija vs Gilbert Borg et u Il-Pulizija vs Giovanna Ghigo qeghdin jinstemghu kontestwalment flimkien ghal ekonomija tal-hin u gudizzju.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-22 ta' Gunju 2018 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[3]:

[1] Folio 17 ta' l-atti processwali
[2] Folio 260-268 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 216 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 252(1), 255 u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 10 ta' Ottubru 2018, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li 1-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-10 ta' Ottubru 2018.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-3 ta' Frar 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

---

[3] Folio 207 ta' l-atti processwali

[4] Folio 210 ta' l-atti processwali

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Gilbert Borg, Rita Borg u Lirk Borg.[5]

Rat li Carmelo Ghigo ma pprezentax nota ta' sottomissjonijiet skont il-verbal tal-Qorti ta' nhar it-3 ta' Frar 2020.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta l-pulizija tad-distrett gew informati li kien hemm argument gewwa l-bajja ta' Ghar Lapsi. Illi l-incident sehh quddiem certu Carmen's Bar li jinsab fis-*slipway* ta' qabel il-bajja ta' Ghar Lapsi. Illi dak in-nhar inqalat glieda bejn zewg familji minhabba li familja minnhom riedet tohrog id-daghjsa taghha u sabet umbrella tal-hanut marbuta maghha. Meta nqata dan il-habel minn mad-dghajsa nqala argument u eskalat b'tali mod li gew fl-idejn diversi membri ta' dawn il-familji inkluz l-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[5] Folio 272-289 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2016 xehed PS 274 James Turner, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi, li wara li ppezenta kopja tar-rapport PIRS relattiv, spjega li dakinhar tal-incident, cioe` it-3 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:00hrs, huwa wasal fuq il-post wara li l-argument kien ikkalma u beda jiehu l-verzjonijiet tal-persuni li kienu fuq il-post.

Fl-istess seduta xehed it-Tabib Dr James Vassallo, adett fl-Isptar Mater Dei. B'referenza ghac-certifikat mediku ezebit a Fol 4 stqarr li ghalkemm fic-certifikat hemm miktub li l-griehi sofferti minn Ritienne Borg huma deskritti bhala gravi, huwa issa tal-opinjoni li dawn kienu hfief minhabba li jidher li parti mill-problema bl-ghajn kienet pre-ezistenti ghall-incident fis-sens li hija kondizzjoni kongenita li tissejjah Dwain Syndrome. Madankollu, ix-xhud irrileva li huwa kien ezamina lill-Borg l-ewwel darba biss u eventwalment ghaddiet taht il-kura ta' tobba ohrajn. Huwa baqa' jistaqsi fuq il-kaz minhabba li kien kaz partikolari li seta' jitghallem minnu. Il-konsulent kien Mr Martin Francalanza.

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2016 xehed l-Ispettur Roderick Agius, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi li pprezenta certifikar mediku rilazzjat mit-Tabib Dr Glenn Garzia mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana in rigward ta' griehi allegatament sofferti minn Norman Kenneth Ghigo.

Fl-istess seduta xehdet il-parte civile Rita Borg li stqarret li r-ragel taghha jismu Gilbert Borg filwaqt li t-tlett ulieda huma Lirk Borg, Adeil Borg u Nola Borg. Bhala familja, huma jiggestixxu ristorant li qieghed Ghar Lapsi ezatt hdejn is-*slip way*. Vicin tar-ristorant hemm ghadd ta' *boathouses* u jkun hemm anke` xi dghajjes ta' diversi persuni li jkunu ttellghu mill-bahar. Hija spjegat li lill-familja Ghigo tafhom minhabba li ghandhom *boathouse* hdejn ir-ristorant. Ghandhom ukoll dghajsa li generalment tinzamm fuq barra. Spjegat li kellha relazzjoni amikevoli mas-Sinjuri Ghigo sa xi sentejn qabel l-incident meta

bedew jinqalghu xi argumenti minhabba l-fatt li kien hemm xi okkazjonijiet fejn l-imutat qabad u rema xi siggijiet tar-ristorant lejn nofs ir-rampa minflok staqsa sabiex jitnehhew. Kien hemm ukoll xi incidenzi ta' tghajjir, anke` mill-mara tal-imputat. Fir-rigward tal-incident in ezami, stqarret li dakinhar, cioe` it-3 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:00hrs hija baghtet lit-tifel taghha Lirk Borg, li kellu 15-il sena sabiex jiknes barra r-ristorant, akkumpanjat mill-habib tieghu Ismael Aquilina. F'daqqa wahda beda jinstema' hafna ghajjat gej minn barra. L-ewwel li hareg kien ir-ragel taghha Gilbert Borg. Hekk kif hija harget, rat lir-ragel tagha mqabbad mat-tifel tal-imputat. Rat ukoll li l-imputat kien fuq it-tifel taghha Lark Borg li kellhu xi dmija ma wiccu. Kif rat hekk, marret biex tigbed lill-imputat minn fuq binha minn spalltu u minnufih, skont hi, l-imputat dar u xejjrilha daqqa fuq wiccha b'ganc li kellu f'idu u laqatha fuq ghajnejha xellugija. Il-parte civile spjegat illi minn dak illi hija taf, il-ganc kien dak li jintuza sabiex jigu rmunkati d-dghajjes mill-bahar permezz tal-*winch*. Hekk kif regghat gholliet rasha wara d-daqqa, lemhet lill-imputat ser jittenta jaghti daqqa li zewgha b'kanna tal-umbrellel waqt li zewgha kien ghadu maqbud ma bin l-imputat. Il-parte civile bdiet tipprova trazzan lill-imputat billi qabdet il-kanna u baqghet tissara maghha. Eventwalment gew tnejn minn nies li ferrquhom u hadu l-kanna. Wiehed minnhom kien certu Roderick u r-ragel l-iehor ma tafx min hu. Il-parte civile spjegat li wara l-incident giet referuta ghand Mr Martin Francalanza li huwa specjalista fuq l-ghajnejn minhabba l-griehi li allegatament garrbet.

Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2017 xehed it-Tabib Mario Scerri, espert nominat mill-Qorti li stqarr li in segwitu tan-nomina tieghu, ghamel ezami fuq il-parte civile Rita Borg nhar is-27 ta' Dicembru 2016 u minn dan l-ezami ma rrizultax li kien hemm xi lezjonijiet li baqghu vizibbli u ccertifika li l-parte civile tara sewwa miz-zewg ghajnejn. Il-funzjoni tal-ghajn xellugija hija prezervata.

Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2017 xehed PC 769 Stephen Incorvaja, stazzjonat fl-RIU, li stqarr li dakinhar tal-incident kien xoghol u rrisponda ghar-rapport, akkumpanjat minn PC 646. Meta wasal fuq il-post huwa sab xi nies jitlewwmu bil-kliem imma ma rax glied bl-idejn. Fuq il-post kien hemm tlieta minn nies minn familja u zewgt' itfal. Skont ix-xhud, meta huwa mar biex jifred liz-zewg irgiel sema lil Gilbert Borg jghid lill-imputat "noqtlok mhux bizzejjed pero nimmankak kif immankajt lili". Spjega ukoll li l-imputat kellu bzonn assistenza medika minhabba xi griehi f'irkopptu u ghalhekk kienet issejhet ambulanza fuq il-post. Jiftakar li l-imputat kien spjegalu li l-incident kien inqala' mihabba li huwa ried inizzel id-dghajsa izda ma setax mihabba l-imwejjed tar-ristorant. L-investigazzjonijiet imbaghad tkompew mill-Pulizija tal-Ghassa. In kontro-ezami stqarr li minn dak li jiftakar, ma jidhirlux li s-*slipway* kienet ostakolata bl-imwejjed u siggijiet.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2017 xehed Lirk Borg li spjega li dakinhar huwa kien xoghol fir-ristorant tal-familja f'Ghar Lapsi u kien qed jiknes fuq barra biex jipprepra ghall-klijenti ta' filghaxija filwaqt li kien akkumpanjat minn certu Ismael Aquilina, habib tieghu. Huwa u jiknes, ressaq hadida tal-umbrellel bejn mejda u d-dghajsa tal-imputat u kompla jiknes normali. Wara xi ftit sekondi lemah lill-imputat gej b'ganc f'idu u hekk kif resaq lejh, imbuttah lura biex jiddefendi ruhu u l-imputat imbuttah lura u f'daqqa wahda gew tlieta minn nies ghalih u waqa' mal-art u ntefa' ghal fuqu l-imputat u ghamillu xi grif waqt li beda jzommu. Ix-xhud stqarr li l-imputat tah xi daqqiet imma ma jafx jekk hux b'idejn jew bil-ganc li kellu. Spjega li familjari tieghu nehhew lill-imputat minn fuqu u ra lil ommu bi griehi ma ghajnejha. Ix-xhud irrimarka li qabel l-incidnet l-imputat kien qed jimxi normali izda wara li nqala' l-inkwiet, xi hadd kien gablu krozza u kien qed jimxi biha. In kontro-ezami, eskluda li l-imputat kien prova jressaq il-hadida

tal-umbrellel minn hdejn id-dghajsa tieghu u ccara li huwa bl-ebda mod ma kien waddab il-hadida jew messha mad-dghajsa tal-imputat.

Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2017 xehed Ismael Aquilina, xhud okulari li kien prezenti ghall-allegat incident. Ix-xhud stqarr li huwa kien flimkien ma Lirk Borg meta dan kien qed jiknes barra r-ristorant. Jiftakat li Borg kien ressaq il-hadida tal-umbrellel lejn il-genb u f'daqqa wahda gie l-imputat jghajjat li ma jistax jadem u ghamel ghalihom bil-ganc li jintuza biex tingibed id-dghajsa. Intant l-imputat aggreda lil Lirk Borg u x-xhud ghajjat lil missieru Gilbert Borg u spiccat ghaqdet glieda, fejn kienu involuti ukoll iben l-imputat u l-mara tieghu. Meta omm Lirk Borg, cioe` l-parte civile Rita Borg marret biex tipprova tnehhi l-imputat minn fuq binha, l-imputat taghha daqqa bil-ganc fuq ghajnejha. Skont ix-xhud l-imputat ma kienx qed juza krozzi fil-mument li ghamel ghalihom. Ikkonferma li huwa ha r-ritratt ezebit a Fol 34 li jindika l-griehi sofferti mill-parte civile Rita Borg f'wiccha. In kontro-ezami, ix-xhud eskluda li kien ra lil Rita Borg bil-hadida tal-umbrella f'idha.

Fl-istess seduta xehed Roderick Borg, ukoll xhud okulari, li stqarr li huwa kien ser inizzel id-dghajsa 'l bahar u hekk kif sema hafna ghajjat mar biex iferraq lil persuni nvoluti. Huwa madankollu eskluda li kien ra aggressjoni ssehh quddiemu minhabba li originarjament kien aktar 'il boghod minn fejn sehh l-allegat incident. Mill-banda l-ohra, ikkonferma li kien sema' lil Gilbert Borg jghajjat u meta wasal fuq il-lok, ra lill-imputat, lil ibnu Norman Ghigo u lil parte civile Rita Borg mal-art u din tal-ahhar kellha daqqa go wiccha.

Fl-istess seduta xehdet xhud okulari ohra, Shanice Cauchi, li tahdem fir-ristorant gestit mill-parte civile u waqt li kienet fil-kcina qed tipprepara ghal filghaxija, semghat lit-tifla tal-parte civile tghajjat u tibki. Hija harget tigri flimkien mal-parte civile a rat tlett persuni fuq it-tifel l-iehor tal-parte civile Lirk Borg li kien mixhut fl-art, fosthom l-imputat. Skont ix-xhud, meta l-parte

civile pruvat taqla' lill-imputat minn fuq binha, dan dar u labilha daqqa ta' holqa tad-dghajjes hdejn ghajnejha. Mill-banda l-ohra, Lirk Borg spicca b'xi grif ma wiccu u ghonqu u bil-flokk imqatta'.

Fl-istess seduta xehed Emanuel Borg li kien gor-ristorant fil-hin li sehh l-incident. Huwa spjega li f'hin minnhom dahal xi hadd minn barra jghajjat li "qed isawwtu lit-tifel" u minnufih, missieru, Gilbert Borg, hareg jigri barra u wara ftit harget il-mara tieghu, cioe` il-parte civile Rita Borg. Stqarr li meta rega' ra lil din tal-ahhar gol-hanut kellha daqqa kbira f'ghajnejha. Ix-xhud iccara illi huwa baqa' gewwa l-hanut waqt il-glieda u allura ma ra xejn direttament.

Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2017 xehed Gilbert Borg li spjega illi huwa jiggestixxi r-ristorant in kwistjoni f'Ghar Lapsi. Fil-mument li sehh l-incident huwa kien gewwa l-hanut flimkien mal-mara tieghu u xi haddiema qed jippreparaw ghal filghaxija. F'hin minnhom semghu hafna ghajjat u storbju u dahal Ismael Aquilina, il-habib tat-tifel li qal li qed isawwtu lil Lirk Borg. Hekk kif hareg barra, ix-xhud ra lill-familja Ghigo fuq it-tifel tieghu, li kwazi spicca taht dghajsa. Il-persuni nvoluti kienu l-imputat Carmelo Ghigo, Gina Ghigo u Norman Ghigo. Ix-xhud gibed lil Norman Ghigo u spicca maqbud fl-idejn mieghu vicin il-bieb tal-hanut filwaqt li l-imputat baqa' fuq Lirk Borg. Wara l-incident ra li martu kellha daqqa kbira f'wiccha li spjegatlu kienet kagunata mill-imputat bil-ganc tad-dghajsa ghax huwa ma rahiex issehh. Ra ukoll griehi fuq il-persuna ta' Lirk Borg. Ix-xhud ikkonferma li fil-hin tal-incident, l-imputat ma kienx bil-krozza u deher f'sahhtu. In kontro-ezami iccara li hekk kif kien maqbud ma Norman Ghigo, it-tifel tal-imputat, dan qallu li kien mar iferraq lil missieru u minnufih telqu. In kontro-ezami, innega li ra lil martu Rita Borg taqbad hadida tal-umbrellel f'xi hin waqt l-incident izda din intremiet wara dghajsa minn xi nies li kienu fuq il-post imma li huwa ma jaf min huma.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2017 xehed Dr Stevan Farrugia Sacco, espert inkarigat mill-Qorti sabiex jezamina filmati CCTV maqbuda mill-kameras tal-hanut. Huwa halef u pprezeta r-relazzjoni tieghu.

Fl-istess seduta xehed PC 646 Albert Saliba, stazzjonat fl-RIU li stqarr li fit-3 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:00hrs issejhet l-assistenza tal-Pulizija in rigward ta' incident li kien qed isehh Ghar Lapsi. Meta x-xhud wasal fuq il-post ra tlett persuni bilqieghda fuq cint, l-imutat, Carmelo Ghigo il-mara tieghu, Gina Ghigo u binhom, Norman Ghigo. L-imputat beda jilmenta b'ugiegh f'sieq































u u li ma setax jimxi. Meta imbaghad dahal fil-hanut, ra lil mara ta' wara l-bar, cioe` il-parte civile Rita Borg b'nefha f'ghajnejha tax-xellug u t-tifel taghha li kellu ukoll xi daqqiet f'wiccu. Dawn stqarru li d-daqqiet gew kagunati mill-imputat. L-investigazzjonijiet relattivi imbaghad tkomplew mill-Pulizija distrettwali.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2017 xehdet l-Ispettur Kylie Borg, stazzjonata l-Ghassa ta' Haz-Zebbug li spjegat li fit-3 ta' Gunju 2016 giet infurmata minn

PS274 James Turner illi kien hemm glieda kemmxejn ikkulurita f'Ghar Lapsi fejn dan kien acceda fuq il-post u kien assistit ukoll minn membri tal-RIU fejn kif waslu l-pulizija kienet lahqet ikkalmat is-sitwazzjoni. Ix-xhud stqarret li fid-19 ta' Lulju 2016 kienet naghtet ghall-imputat Carmelo Ghigo u wara li dan inghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat, u fil-fatt kien ikkonsulta ma Dr Geoffrey Vella, kien ta stqarrija fejn kien ammetta illi kien hemm dizgwid bejn iz-zewg familji u l-incident de quo kien beda minhabba li Lirk Borg kien qabad jghajjat illi ma kienx ser jibza' minnu. Huwa kien qal illi kien hatfu mill-flokk, kien imbuttah mal-art. In rigward tal-ferita ta' Rita Borg, dan qal li din qabdet hadida tal-umbrella ghalih u bdiet tipprova ttih biha u hu kien waqa' mal-art u hu kien qieghed jipprova jilqa' 1-hadida u d-daqqa tal-hadida kienet fil-fatt ghamlitha hi fuqha nnifisha b'mod accidentali. Kien stqarr li

kien urtat mal-familja Borg minhabba li kien isibha difficli biex johrog id-dghajsa mill-post taghha minhabba l-imwejjed u siggijiet. Ix-xhud stqarret li kienet ressqet lill-imputat Carmelo Ghigo b'kumpilazzjoni minhabba n-natura tal-griehi sofferti minn Rita Borg u lill-persuni nvoluti l-ohrajn b'mod sommarju. In kontro-ezami, ix-xhud iccarat illi hija ma kienitx accediet fuq il-post.

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018 xehed Norman Ghigo, iben l-imputat. Fil-jum tal-incident huwa kien qed jaghmel xi tiswijiet fuq id-dghajsa tieghu meta induna li kien qam argument ma missieru fuq il-hadida tal-umbrellel ghax Lirk Borg kien allegatament tefaghha taht id-dghajsa taghhom. Skont ix-xhud, kien Lirk Borg li aggredixxa lil missieru l-ewwel u tefghu mal-art. Ix-xhud imbaghad qabez minn gewwa d-dghajsa u mar sabiex jofroqhom. Minnufih gie Gilbert Borg u qabad fix-xhud u spiccaw jaghtu mal-hajt. Milli seta jara' x-xhud, imbaghad Rita Borg bdiet tipprova taghti lil missieru permezz ta' hadida tal-umbrellel waqt li dan qabadha u beda jzommha biex jiddefendi ruhu. Meta inqala' minn ma Gilbert Borg, ix-xhud rega' mar biex jofroq lill-missieru u Gilbert Borg imbuttah bil-konsegwenza li waqa' u habit genbu ma hadida tal-umbrellel bil-konsegwenza li nstelah. Ix-xhud innega illi huwa kien qal xi diskors ta' theddid fil-konfront tas-Sinjuri Borg u eskluda ukoll li missieru jew xi hadd iehor kien uza ganc tad-dghajsa biex jiggieled bih. Spjega li missieru ma juzax il-krozza biex jinzel it-tarag minhabba li dan huwa baxx hafna imma jkollu wahda fil-vann u ohra fid-dghajsa u li missieru kien originarjament wegga' sqajh meta wara f'vit li wahhlu ma l-art is-Sinjuri Borg minhabba l-umbrellel. In kontro-ezami, stqarr li ma jafx kif il-parte civile Rita Borg spiccat b'gerha f'ghajnejha u jekk stess ma kien ra xejn isehh f'dak ir-rigward.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2018 xehed l-imputat Carmelo Ghigo. Beda milli spjega illi f'Luju tas-sena 2013 kien hemm episodju fejn huwa kien waqa' per

konsegwenza ta' vit imwahhal mal-art fuq il-post in kwistjoni sabiex mieghu jintrabtu l-umbrellel tar-ristorant. Per konsegwenza tal-waqa', kien sofra ksur fil-patella tal-irkoppa li kien jirrikjeda intervent kirurgiku u baqa fil-bzonn li juza krozza biex jimxi. L-imputat ipprezenta ritratti tal-griehi li kien garrab liema ritratti kienu ttiehdu mit-tifel tieghu Norman Ghigo. Stqarr li qieghed ukoll taht il-kura ta' Dr Joseph Vella Baldacchino minhabba li jsofri mid-dipressjoni. Dakinhar tal-incident in kwistjoni, l-imputat stqarr li kien fuq il-post flimkien ma martu u ibnu u dan tal-ahhar kien qed jaghmel xi xoghol fuq id-dghajsa taghhom. Hekk kif induna li kien hemm hadida tal-umbrellel hdejn id-dghajsa, l-imputat ressaqha ftit u qal lil Lirk Borg "din taghmluhiex hemm". Minn naha tieghu, Lirk Borg qabad jghajjat u jghid "se jibda, se jibda". Skont l-imputat hekk kif huwa rega qal lil Lirk Borg biex il-hadida ma jaghmlhiex hdejn id-dghajsa, Borg qabad jghid li mhux ser jibza minnu, mar fuqu u mbuttah. L-imputat cahad li dak il-hin kellu ganc jew addirittura kwalunkwe haga ohra f'idejh u cahad ukoll li huwa waqa fuq Lirk Borg izda kien Lirk Borg li ntefa' ghal fuqu. Fir-rigward ta' Rita Borg, l-imputat cahad li huwa taha daqqa fuq wiccha u spjega li kienet hi li bdiet ittih bis-sieq waqt li kien mal-art u bdiet taghtih ukoll bil-hadida tal-umbrellel li huwa, minhabba li kien wiccu 'l fuq, rnexxielu jaqbad u baqa' jzomm b'mod li spiccaw it-tlieta li huma jissaraw ma din il-hadida. Imbaghad kien hemm nies li hadu din il-hadida u wiehed, li x'aktarx kien Roderick Borg li xehed ukoll f'dawn il-proceduri, ghenu jqum minn mal-art. L-imputat spjega li l-flokk li kellu fuqu spicca mqatta' bhala rizultat tal-incident u pprezenta xi ritratti tal-griehi li kien sofra dakinhar, liema ritratti ittiehdu minn ibnu Norman Ghigo. Skont l-imputat kollox gara malajr u l-aktar li seta' dam l-incident b'kollox kienu hames minuti li matulhom kollha huwa kien mal-art. Fir-rigward tal-uzu tal-krozzi, spjega li ghalkemm huwa ghandu bzonn il-krozza biex jimxi, jista' jinzel Ghar Lapsi minghajrha minhabba li hemm il-poggaman it-tul kollu tat-tarag. L-imputat stqarr li kienet ussejhet ambulanza fuq il-post u kif rawh,

mall-ewwel kienu ndunaw li kellu xi ksur f'saqajh. Il-griehi kienu eventwalment gew iccertifikati bhala gravi per durata. Mistoqsi jekk kienx qal id-diskors "noqtlok mhux bizzejjed. Nimmankak bhalma mmankajt lili" lil Gilbert Borg huwa cahad kategorikament. In kontro-ezami, l-imputat ma kienx kapaci jispjega l-fatt dwar kif meta huwa ta' l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Lulju 2016 huwa ma kien semma xejn dwar il-fatt li allegatament huwa ukoll kien sofra greihi gravi fl-incident de quo u dan minkejja li c-certifikat mediku relattiv rilaxxjat minn Mr Alec Sultana huwa datat 23 ta' Gunju 2016. Stqarr ukoll li fil-fehma tieghu, il-familja Borg ilhom biex jistiednuh ghal glied tant li xi jiem qabel l-incident ghamlu gest oxxen fil-konfront tieghu minn gol karozza. Meta gie kkonfrontat biex xhieda moghtija minn Ismael Aquilina, l-imputat zamm ferm mal-verzjonijiet tieghu u stqarr li jekk xi hadd ma qalx is-sewwa, kien Aquilina u eskluda illi huwa qam biex igib xi ganc jew oggett iehor minhabba li kien il-hin kollu wiccu 'l fuq mal-art. Lanqas ma kien kapaci jispejga kif wegga' rkopptejh jekk waqa' ghal daru u baqa l-hin kollu wiccu 'l fuq u fir-rigward ta' kif il-parte civile Rita Borg garrbet gerha taht ghajnejha stqarr li jista' jkun bil-minkeb waqt li "huma u jgebbdu fil-konfuzjoni" u baqa' jinnega li kien weggahha hu.

Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 xehdet Giovanna Ghigo, mart l-imputat Carmelo Ghigo li stqarret li sakinhar tal-incident, hija kienet flimkien ma zewgha u binha Ghar Lapsi. L-imputat kien ra l-hadida tal-umbrellel fejn id-dghajsa u barra kien hemm Lirk Borg, it-tifel tad-dirigenti tar-ristorant. L-imputat qallu "din ghaliex hallejtha hekk?" u qabad u ressaqha u hekk kif gara dan, Lirk Borg qabad jirrabja u qallu "se tibda?" u mar fuq l-imputat, qabdu mill-flokk u mbuttah ghalmal-art fejn id-dghajsa u gie wiccu 'l fuq. Dak il-hin l-imputat ma kellu xejn f'idu u kull ma kien hemm vicin kien barmil bis-*sealer* fih. Skont ix-xhud, waqt li l-imputat kien mal-art bdew ituh Lirk Borg u ommu Rita Borg li sa dak il-hin kienet harget minn gewwa r-ristorant. Rita

Borg taghtu xi daqqiet bis-sieq u anke` permezz tal-hadida tal-umbrellel, li l-imputat irnexxielu jaqbad u baqa' jzomm, ghalkemm skont ix-xhud, kienet lahqat laqtitu f'idu u weggghatu. Spjegat ukoll li meta hareg Gilbert Borg mir-ristorant, dan qabad jiggieled mat-tifel taghha Norman Ghigo. Cahdet bl-akbar qawwa li l-imputat kien qal lil Gilbert Borg id-diskors "noqtlok mhux biiiejjed. Nimmankak kif immankajt lili" filwaqt li ccarat li hija kienet prezenti fuq barra l-hin kollu. Cahdet ukoll li l-imputat uza xi ganc biex jiggieled jew jiddefendi lilu nnifsu. Ix-xhud ikkonfermat li kienet hi li hadet kkonsenjat kemm kopja tac-certifikat mediku rilaxxjat minn Mr Alec Sultana dwar il-griehi tal-imputat kif ukoll kopja tal-*blue sticker* tal-imputat gewwa l-Ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zebbug. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonfermat li fil-mumenti qabel beda beda l-incident, Lirk Borg kien fl-ixkupa f'idu vicin tal-hadida tal-umbrellel u kien akkumpanjat minn guvnott iehor. Fir-rgward tal-hadida tal-umbrellel, stqarret li hija gieli kienet ressqitha b'okkazjonijiet precedenti u ghalkemm kienet pjuttost tqila, hija kienet tiflaha. Stqarret li ma tiftakarx jekk Rita Borg qabditie b'id wahda jew zewg idejn meta bdiet allegatament taghti lill-imputat biha. Mistoqsija jekk f'xi hin hija ratx feriti f'wicc Rita Borg, ix-xhud wiegbet li le u ma kienitx taf kif dawn gew kagunati.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 xehed Mr Alec Sultana, kosulent ortopediku, li stqarr li huwa kien ikkura lill-imputat Carmelo Ghigo in segwitu ta' incident illi dan kellu fit-3 ta' Gunju 2016 fejn sofra ksur fl-irkoppa xellugija, liema gerha skont hu ghandha tikklassifika bhala wahda ta' natura gravi.

**Ikkunsidrat**

**Provi tal-prosekuzzjoni**

Illi skond ir-rapport tal-pulizija[6] irrizulta l-vittma Lirk Borg stqarr mal-pulizija:

*"Kont qed nitfa l-hadida mal-bieb u gie jghidli HA NIBDA HA NIBDA, u qabad il-ganc u gie biex jghatini u lqajt daqqa umbad daru ghalija t-tlieta li huma u l-papa qala lit-tnejn l-ohra minn fuqi."*

Fl-istess rapport *"Gie osservart li Lirk kellu daqqa taht ghajnejh il-leminja, fejn wara li nghatatlu l-assistenza medika, gie mitlub jirrikori l-eqreb klinika u kif ukoll jipprovi certifikat mediku."*

Fir-rapport tal-pulizija, Rita Borg stqarret *"Kont fil-kcina u smajt lit-tifla tibki, hrigna barra nara x'gara. Rajthom kollha ghoqda mal-art jaghttu lit-tifel li kien tahthom, provajt inwaqqaf kif stajt u x-xih qabad bicca hadida bil-ganc u tajili f'ghajneja bih. Qabad ukoll kanna tal-umbrella u biex ma' nhallihx jaghti lil had biha jien bdejt nigbed il-kanna bix-xih b'kollox halli ma jaghti lil hadd."*

Fl-istess rapport *"Gie nnotat li taht l-ghajn ix-xellugija Rita Borg kellha nefha mhux haxin."*

Fir-rigward il-vittma l-ohra Gilbert Borg, fir-rapport tal-pulizija stqarr:

*"qabadt lit-tifel li ghandu 15yrs jiknes quddiem il-hanut u smajt lil binti ta' 7yrs tibki, hrigna naraw x'gara u sibnihom it-tlieta fuq it-tifel u qbadt lit-tifel ta' Ghigo biex naqlahom min mieghu u hi giet taghtini bis-sieq. Kif waqafthom qabad hadida min god-dghajsa u capcapa lil mara tieghi."*

Il-pulizija fir-rapprt nizzlu *"Gilbert gie offrut assistenza medika fejn stqarr li ma kellux ghalfejn u anqas kellu ghalfejn jaghmel certifikat ghal ftit grif."*

Illi dan ir-rapport tal-pulizija gie ikkonfermat mix-xhud PS274 James Turner[7] kif ukoll mix-xhud PC769 Stephen Incorvaja li kien mar fuq il-post u fired il-

[6] Folio 13 ta' l-atti processwali
[7] Folio 18-20 ta' l-atti processwali

familji[8] kif ukoll minn PC6646 Albert Saliba li mar attenda fuq il-post meta sehh l-incident u ra li Rita Borg kellha nefha f'ghajnejha fin-naha tax-xellug u li t-tifel Lirk Borg kellu xi daqqiet f'wiccu ukoll.[9]

Illi x-xhieda wkoll identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li beda jhedded lil Godwin Borg li ha jimmankah bhalma immanka lilu.

PC769 fix-xhieda tieghu stqarr li fuq l-imputat ra id-demm ma arkuptejh izda fil-konfront tal-persuni l-ohra ma kienx qed josserva x'setghu soffrew griehi.

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Kylie Borg, irrizulta li dawn iz-zewg familji kien diga kellhom kwistjonijiet ohra fil-passat bejniethom.[10]

**Ikkunsidrat**

**Xhieda okulari**

Mix-xhieda ta' Rita Borg[11] irrizulta li hi u r-ragel taghha jiggestixxu hanut gewwa Ghar Lapsi hdejn il-bahar qalb *boat houses* u dghajjes. Fl-istess parti hemm *boat house* u dghajsa li hija ta' l-imputat u l-familja tieghu.

Rita Borg spjegat li semghat ghajjat minn gol-kcina fejn kienet u harget tara x'gara u sabet li kien hemm glieda ghaddejja u rat demm u grif fuq it-tifel taghha Lirk Borg, li dak iz-zmien kellu hmistax il-sena u l-imputat mixhut fuqu.

Spjegat ukoll li

*"jiena li rajthom jaghmlu jien ma rajt xejn, kull ma rajt lir-ragel tieghi jaqbadhom, u kif jiena qabbadt lis-Sur Ghigo li qieghed hawn hekk imputat, kif mort ghax hu kien*

---

[8] Folio 84-89 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[9] Folio 160-163 ta' l-atti processwali
[10] Folio 167 ta' l-atti processwali
[11] Folio 35-61 ta' l-atti processwali

*wiccu 'l isfel fuq it-tifel tieghi, kif mort biex indawru minn spalltu, hekk biex inehhieh minn fuq it-tifel taghni daqqa ta' ganc li kellu f'idejh dak il-hin.*[12]

*"ezatt biex inqajmu minn fuq it-tifel, kif ezatt jiena ghamiltlu hekk dan b'li kellu f'idejh laghabhieli u jiena kull ma rajt hekk il-ganx gej ghal ghajnejja."*[13]

Dan il-ganc ix-xhud spejgat:

*"jien nsejjahlu ganc ezattament huwa ghax lanqas naf jiena ma hiniex sajjied, huwa dik il-xi haga li jorbtu biex itellghu d-dghajsa biha, tkun habel u jkollha dik il-bicca ta' l-hadid minn fejn tqabbad il-wire tad-dghajsa biex niftehmu, dak kellu f'idu."*

Ix-xhud Rita Borg esebit ukoll ritratt li juri t-tbengil u n-neffha f'ghajnejha li soffriet bhala konsegwenza ta' l-incident.[14] Ix-xhud stqarret li ghajnejja *"ghada imtarxa sa llum."*[15]

Wara li l-imputat ta' daqqa lil Rita Borg, ix-xhud spjegat li rat lill-imputat jaqbad kanna tal-hadid u tarah ha jaghti daqqa lir-ragel taghha Gilbert. Dak il-hin intervjeniet sabiex ma iweggax lir-ragel taghha u bdiet izommu u tkaxkru lil hemm mir-ragel u tipprova tehodlu l-hadida minn idejh.

Bhala konsegwenza tal-griehi li soffriet, ix-xhud stqarret:

*"…ghajnejja ma baqghetx li kienet, fil-fatt jiena ghad ghandi nofs wicci imtarrax, hawn hekk, ezempju kif naghmel naqra lipstick, din ix-xoffa inwegga', kif nixrob hawn hekk inhossu kiesah, ghand ghandi xi haga go wicci li ma hijiex."*[16]

Mix-xhieda ta' Gilbert Borg[17] jikkorbora dak li xehdet martu Rita Borg. Ix-xhud jghid li meta hareg sab lil ibnu wiccu l-isfel bl-imputat, martu u binhom Norman fuqu. Norman qallu li kien qieghed jipprova iferraq il-glied u mhux

[12] Folio 50 ta' l-atti processwali
[13] Folio 52 ta' l-atti processwali
[14] Dok RB1, Folio 34 ta' l-atti processwali
[15] Folio 52 ta' l-atti processwali
[16] Folio 59 ta' l-atti processwali
[17] Folio 124-131 ta' l-atti processwali

jaghti lil-ibnu Lirk. Madankollu x-xhud jghid li *"sakemm ergajna morna lura biex inferqu suppost lit-tifel minn ma missieru hatafni minn wara l-istess Norman u ma nafx x'gara iktar jigifieri ghax spiccajna mal-bieb fl-idejn."*[18]

Gilbert Borg jghid ukoll li filwaqt li ma rax lil mara tieghu taqla d-daqqa hi qaltli *"li malli nehhiet lil Nenu Ghigo minn fuq it-tifel xarbilha daqqa go wiccha u tirringrazzja l-Alla li ma faqghaliex ghajnejjha hu."*

Mix-xhieda ta' Lirk Borg[19] stqarr li waqt li kien barra jiknes qabad hadida ta' l-umbrella u tefaha bejn is-siggijiet taghhom u d-dghajsa ta' l-imputat. Wara ftit sekondi li ghamel hekk sab lill-imputat b'ganc tad-dghajsa f'idejh.

Ix-xhud jghid li l-imputat *"mbuttani, mbuttajtu lura u malli mbuttajtu lura f'hakka t'ghajn gew it-tlieta(3) li huma f'daqqa. Jiena waqajt fl-art."*[20]

Ikompli jghid li sussegwentement intervjenew il-mara u t-tifel taghhom u imbuttawh ma l-art bir-rizultat li l-imputat waqa fuqu. Hargu l-genituri tieghu jghinnuh u wara li nheles minn ma l-imputat dahal gewwa l-hanut jahsel wiccu u ma rax kif kompliet il-glieda izda meta hareg ra lil ommu b'daqqa fuq ghajnejha.

Meta kien mistoqsi jekk hu ghamilx ghal l-imputat u imbuttah, stqarr li *"hu mbuttani, jiena mbuttajtu u x'hin imbuttajtu lura gew it-tlieta l-ohra mbuttawni u waqajt fl-art u nizel fuqi."*[21]

Illi din ix-xhieda giet ikkoroborata minn Ismael Aquilina[22] li kien prezenti u ra lill-imputat jaqbad ganc minn god-dghajsa tieghu u ixejru f'idejh u *"ipprova jaghtihielu"*[23].

---

[18] Folio 126 ta' l-atti processwali
[19] Folio 98-103 ta' l-atti processwali
[20] Folio 99 ta' l-atti processwali
[21] Folio 103 ta' l-atti processwali
[22] Folio 104-108 ta' l-atti processwali
[23] Folio 105 ta' l-atti processwali

*"Beda jipprova jxejjirha, Lirk iddefenda ruhu u qabdu fl-idejn, jiena ghajjat lil Gilbert ghax qabdu jaghtuh."*[24]

Il-habib tieghu Lirk spicca ma l-art u l-imputat, martu u ibnu kienu fuqu *"jaghtuh bis-sieq b'kollox ghax tefghuh tahthom u ma setax jiccaqlaq hu."*[25]

Ix-xhud ikompli jghid li *"harget ommu l-istess bhal Gilbert bdew iferqu lin-nies, qam Ghigo kien ghadu bil-holqa f'idu dar u tahielha go ghajnejha."*[26]

Illi dan gie wkoll ikkoroborat mix-xhieda ta' Shanice Cauchi[27] li kienet prezenti meta sehh l-incident kif ukoll mix-xhieda ta' Emanuel Borg[28].

Ix-xhud Cauchi stqarret li rat lil

*"Rita marret biex tiddenfendi lit-tifel u qabdet lix-xih, lil dak, imbaghadd ar u taha daqqa ta' holqa go ghajnejha."*[29]

Mix-xhieda ta' Rodrick Schembri[30] irrizulta li sema l-ghajjat u mar iferraq u wara waqqfet il-glieda ra lil Rita Borg b'daqqa go wiccha.

Mix-xhieda ta' Norman Ghigo[31] irrizulta li dak in-nhar kien fl-akkwati ta' l-incident flimkien ma ommu u missieru, l-imputat. Illi skond ix-xhud missieru, l-imputat kien ressaq l-istand ta' l-umbrella sabiex ikun jista juza d-dghajsa izda Lirk rega poggiha taht id-dghajsa. Minkejja li missieru qali biex iressaqha, *"Lirk qabbad lil missieri u tefghu mal-art hu, ghal darhu mbuttah."*[32]

Ikompli jghid li

[24] Folio 105 ta' l-atti processwali
[25] Folio 106 ta' l-atti processwali
[26] Folio 106 ta' l-atti processwali
[27] Folio 112-114 ta' l-atti processwali
[28] Folio 115-117 ta' l-atti processwali
[29] Folio 113 ta' l-atti processwali
[30] Folio 109-111 ta' l-atti processwali
[31] Folio 175-188 ta' l-atti processwali
[32] Folio 177 ta' l-atti processwali

*"X'hin Lirk qabad lil missieri tefghu ma' l-art mort biex, qbizt minn god-dghajsa nzilt mort biex naqilghu minn mieghu….gie missieru minn warajha u qabadni minn ghonqi."*

Ix-xhud jghid li Gilbert Borg

*"qabadni minn ghonqi, ghidtlu ffridhom, qalli ma rridx. U hin minnhom tefghani mal-art u gie fuqhi hu…. Gie fuqi qabadni minn ghonqi.*

Dak il-hin qal li ra wkoll

*…qabduh, qabditu Rita u Lirk Borg flimkien bdew ituh. Xhin qabadni ma' l-art missieru u nqlajt minn mieghu nsibilhom il-hadida tal-umbrella f'idejhom. Biex jaghtuh bil-hadida tal-umbrella bil-bazi."*

Fir-rigward l-incident li sehh ma Rita Borg, jghid li missieru u Rita Borg bdew jissaraw ghal-hadida u li missieru kien ma l-art filwaqt li Rita Borg kienet bil-wieqfa u li jekk hi ntlaqtet kien sforz ta' kemm hi ghamlet ghal-hadida u ghalhekk intlaqtet u mhux ghax missieru mar itiha daqqa.

Ix-xhud ipprezenta sett ta' ritratti li juru l-post ta' l-incident, is-stand ta' l-umbrella, missieru jinghata l-ghajnuna mit-tobba, u l-feriti li gew ikkawzati lilu stess.[33]

Ix-xhud Giovanna Ghigo xehdet bhala xhud ta' l-imputat.[34] Ix-xhud tenniet li zewgha ma kellu xejn f'idu u li *"Lirk qabad lil Carmelo mit-t-shirt u beda jirrabja mieghu u tant kemm irrabja mieghu mbuttah u tefghu mal-art fejn id-dghajsa."*[35]

Ix-xhud sostniet ukoll li kienu Lirk u Rita Borg li bdew jaghtu lill-imputat u anke ikaxkruh. Rita Borg kienet ser taghtih bil-hadida u r-ragel taghha beda izommilha biex ma twegghux u fl-istess hin jidefendi ruhu.

---

[33] Dok NG1, Folio 189-191 ta' l-atti processwali
[34] Folio 253-262 ta' l-atti processwali
[35] Folio 254 ta' l-atti processwali

Ix-xhud qalet ukoll li waqt li kien qed issir dan, Gilbert Borg beda isawwat lil binha Norman Ghigo.

Giovanna Ghigo nnegat ukoll li kien hemm xi theddid minn naha ta' l-imputat fil-konfront ta' Gilbert Borg.

Madankollu x-xhud stqarret ukoll li ma tafx li Rita Borg kellha ferita f'wiccha jew li qalat daqqa f'ghajnejha jew rat xi haga.

**Ikkunsidrat**

**Provi ulterjuri**

Illi gie esebit CCTV footage li gie ezaminat mill-espert mahtur Dr. Steven Farrugia Sacco.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2016 gie iddikjarat mill-parte civile illi c-CCTV footageipprezentat mill-Ispettur Agius huwa l-original.

Fl-istess udjenza id-difiza iddikjarat li mhix qed tikkontesta l-awtenticita' ta' l-istess filmat dment li titressaq il-prova ta' min gibed il-filmat u pproduca c-CD.[36]

Mix-xhieda ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco jirrizulta li nhargu diversi stills li juru nies jiggieldu.[37]

Illi wara l-Qorti rat l-istills kif ukoll ic-CCTV footage jirrizulta li l-familja Borg kienet gewwa l-istabbiliment taghhom u hargu meta raw li kien hemm glieda fuq barra. Illi mill-istess filmat jirrizulta li kien kien hemm nies mixhutin ma' l-art u li wara li hargu l-familja Borg minn gol-hanut taghhom marru sabiex iferrqu u iwaqqfu l-glieda.

**Ikkunsidrat**

[36] Folio 29 ta' l-atti processwali
[37] Dok SFS, Folio 137-158 ta' l-atti processwali

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[38] ta' l-imputat ittiehdet nhar id-19 ta' Lulju 2016, u cioe madwar gimghatejn wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Haz-Zebbug fl-ufficju ta' l-Ispettur Kylie Borg fil-prezenza ta' PC 1492 u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma' l-avukat Dr. Jeffrey Vella qabel ma bdiet l-interrogazzjoni.

Illi fl-istqarrija l-imputat Carmel Ghigo ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien jaf lil allegat vittmi Gilbert u Ritienne Borg ghaliex kienu joqghodu fl-istess triq, fi Triq ir-Rebbiegha u kien l-iskola mat-tifel tieghu. Jispjega li Gilbert Borg ma baqax ikellmu wara li kien gie ordnat inehhi xi boldijiet li kien ghamel li wasslu sabiex kisser il-galletta ta' siequ.

Illi dak ta' l-incident, l-imputat stqarr li kien prezenti fuq il-post fejn sehh l-incident. Kien inqala argument minhabba l-fatt li kien hemm *stand* ta' umbrella mqieghda taht id-dghajsa tieghu u ma setax johrogha. Meta qata' l-habel li kienet qed torbtu mad-dghajsa t-tifel ta' Gilbert Borg beda jghajjru, *"hatafni mill-flokk u imbuttani ma' l-art. Imbaghad kif stajt nara jien, ommu u missieru gew fuqi."*[39]

[38]Folio 5-9 ta' l-atti processwali
[39] Folio 6 ta' l-atti processwali

Il-mara ta' l-imputat, ippruvat tifridhom. *"Imbaghad x'hin gew fuqi Gilbert u l-mara tieghu, it-tifel nizel min god-dghajsa biex jigi jifridna jew hekk… u Gilbert mar ghalih. Il-mara ta' Gilbert bdiet taghtini bis-sieq. U gabet l-istand tal-hadid li kont caqlaqt jiena min taht id-dghajsa u giet tipprova taghtini biha. Lit-tifel taghha, peress li kien fuqi bdiet tghidlu 'ar'hemm ar'hemm' u jien peress li kont taht , iggennint. Imbaghad darba minnhom irnexxieli naqbad il-hadida ghax hi bdiet tgholliha, u bdiet tigbidha u tghidli 'halliha halliha'. U irkubtejja u minkbejja peress li kont ma l-art u bdiet tigbed il-hadida, bdiet tkaxkarni maghha u sellhithomli. Kull darba li nipprova inqum, bdiet tkaxkarni maghha."*[40]

Meta kien mistoqsi dwar il-griehi ta' Rita Borg, l-imputat cahad li kien ghamilhomla hu.

*"Kif stajt naghmillha griehi jien? Jien ma qomtx min ma l-art, ma stajt naghmel sahha ta' xejn."*

Meta kien ikkonfrontat bil-fatt li dawn il-griehi saru b'hadida stqarr:

*"L-anqas rajt hadid biss."*[41]

*"Ma tajtux daqqiet lit-tifel jien. Hu hatafni mill-flokk u tefani ma l-art u gie fuqi."*[42]

Meta mitluba jispjega kif saru l-griehi fuq Rita Borg stqarr:

*"Ghax ghamlithom hi, iva. Accidentali.*

*Jekk jien ma stajtx inqum mill-art, kif stajt naghtiha bil-hadida jahasra."*[43]

**Ikkunsidrat**

**Ix-xhieda ta' l-imputat**

---

[40] Folio 7 ta' l-atti processwali
[41] Folio 7 ta' l-atti processwali
[42] Folio 8 ta' l-atti processwali
[43] Folio 9 ta' l-atti processwali

L-imputat ghazel li jaghti x-xhieda fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2019 fejn ipprezenta numru ta' provi.[44]

Fix-xhieda tieghu jera itenni li kien Lirk Borg li qabad u imbuttah l-ewwel. Jinnega wkoll li hu, martu u ibnu kienu fuq Lirk Borg jew li ta daqqa ta' ganc lil Rita Borg

*"Mhux vera. Ma jistax ikun li konna fuqu ghax x'hin imbuttani jien gejt taht. Hu gie fuqi."*

*"Ma kelli xejn f'idi jien. Mort mal-art mill-ewwel."*[45]

L-imputat jghid li sahansitra kienet Rita Borg stess li bdiet taghtih.

*"Taghtini tliet daqqiet ta' sieq fuq din in-naha. Anke meta mort l-isptar dakinhar stess iccekjawni biex jaraw hemmx xi marki."*

Ikompli jghid ukoll li hu qatt ma ghamel ghal hadd ghaliex ghamel il-hin kollu ta' l-incident ma l-art.

*"Jien kont wicci 'l fuq mill-ewwel mal-art u bqajt sal-ahhar. Jien qatt ma qomt bil-wieqfa."*

L-imputat insista li kienet Rita Borg stess li gabet il-bicca hadida biex taghtih biha u wara li bdiet taghtih biha, beda izommilha l-hadida sabiex jehodilha u bdew jixkanawh u spicca baraxx minkbejh u irkobtu.

In kontro ezami baqa jinsisti li ma kienux hu u lanqas jaf kif wegghat Rita Borg.[46]

L-imputat tenna wkoll li kien hu li fil-fatt li wegga serjament u soffra griehi per durata wara dan l-incident. In sostenn ta' dan il-fatt, l-imputat

[44] Folio 218-236 ta' l-atti processwali, Dok CG1-11, Folios 237-251
[45] Folio 222 ta' l-atti proesswali
[46] Folio 234 ta' l-atti processwali

ipprezentat diversi ritratti li juru l-griehi li sofra kif ukoll certifikat mediku tal-konsultent Alec Sultana.[47]

**Ikkunsidrat**

**Il-griehi sofferti**

Il-prosekuzzjoni esebit zewg certifikati medici tal-vittmi Rita Borg u Lirk mahruga mill-isptar Mater Dei nhar it-3 ta' Gunju 2016 fid-21.05 ta' filghaxija.[48] Illi dawn ic-certifikati mahruga mit-tabib Dr. J Vassallo, Meg Reg No: 3015 jikkonstataw il-griehi ta' Ritienne Borg bhala gravi u ta' Lirk Borg bhala hfief.

Illi filwaqt li gie esebit certifikat mediku ta' Lirk Borg, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda akkuza fil-konfront ta' l-imputat li kkaguna griehi lilu.

Illi c-certifikat ta' Dr J Vassalo gie ikkonfermat mill-istess tabib nhar il-24 ta' Ottubru 2016.[49]

Fix-xhieda tat-tabib Dr. Jurgen Vassallo stqarr:

*"li nixtieq nghid li nbidel in-natura ta' l-griehi gravi nahseb li kellhom ikunu hfief ghaliex meta ezaminajt lil pazjenta kellha ghajnejha mhux qed jiccaqalqu u kienet qaltilna li kienet xi haga gdida wara d-daqqa pero skoprejna li kienet xi haga li kienet hemm hekk meta twieldet bazikament u allura l-griehi saru fl-opinjoni tieghi hfief."*[50]

Meta kien mistoqsi jispjega f'aktar dettal it-tabib xhed:

*"kellimt lil Mr Francalanza u kkonferma li kienet xi haga kongenita u l-kundizzjoni jisimha Dwain Syndrome.*[51]

……

[47] Dok CG10, Folio 251.
[48] Folio 4-5 ta' l-atti processwali
[49] Folio 21-26 ta' l-atti processwali
[50] Folio 22 ta' l-atti processwali
[51] Folio 24 ta' l-atti processwali

*Ezatt ghax kienet xi haga li kienet hemm hekk minn qabel l-incident hux"*[52]

Il-prosekuzzjoni esebit ukoll certifikat mediku ta' Norman Kenneth Ghigo mahrug mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana mit-tabib Dr. Glenn Garzia Med Reg No. 3226.[53] It-tabib jikkonstata l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2016, il-Qorti kif kienet diversament preseduta, in vista tax-xhieda ta' Rita Borg, hatret lit-tabib Dr Mario Scerri MD sabiex jaghmel analizi mediko legali ta' l-istat u l-kundizzjoni tal-wicc u ghajnejn ix-xellugija ta Rita Borg jiddetermina sewwa sew in-natura ta' l-offiza li l-istess Borg jirrizulta li subiet in konsegwenza ta' dan l-incident u kif ukoll illi f'kaz li jkun mehtieg ta' ghajnuna specjalista jissuggerixxi lil Qorti l-isem tal-persuna l-iktar kompetenti u specjalizzata f'dan il-qasam sabiex tkun tista' tiddetermina ezattament minn xix l-istess xhud qiegheda tbati fil-prezent, jekk dan hux marbut bhala konsegwenza ta' l-incident de quo u f'kaz posittiv xi klassifikazzjoni legali din ghandha tinghata.[54]

Mix-xhieda tat-tabib Dr. Mario Scerri irrizulta li *"mill-ezami jidher illi ma kienx hemm xi evidenza ta' lezjonijiet li baqghu vizibbli. Din tara sew miz-zewg ghajnejn u l-funzjoni ta' l-ghajn ix-xellugija hija preservata."*[55]

Illi dan kollu gie ikkonstata mir-rapport tax-xhud.[56]

**Illi ghalhekk filwaqt li l-prosekuzzjoni ressqet akkuzi fil-konfront ta' l-imputat li ikkaguna griehi ta' natura gravi skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, mill-ezami mediko-legali jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma Rita Borg huma ta' natura hfief u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra l-griehi fil-kontest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali.**

[52] Folio 25 ta' l-atti processwali
[53] Dok RA1, Folio 33 ta' l-atti processwali
[54] Folio 29 ta' l-atti processwali
[55] Folio 70 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[56] Dok MS1, Folio 71-80 ta' l-atti processwali

Illi l-imputat hekk kif imsemmi hawn fuq, ipprezenta certifikat mediku mill-konsulent Alec Sultana fejn ikonstata li kellu griehi gravi per durata bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Illi l-istess konsultent ikkonferma l-istess certifikat fix-xhieda tieghu.[57] Ix-xhud stqarr li dan il-ksur seta sar anke minn semplicement imbottatura ma' l-art jew jekk jirfes xi haga.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat tali ikkaguna griehi ta' natura gravi u fl-istess komparixxi indikaw l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali

Madankollu l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikolu 216 u 221 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikoli 214 tal-Kodici Kriminali jghid:

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali (hekk kif kien jghid fiz-zmien tar-reat) jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa xhur sa disa'*[58] *snin –*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

[57] Folio 264-265 ta' l-atti processwali
[58] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

*(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu.*

L-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali jghid (hekk kif kien fiz-zmien tar-reat):

*(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

*(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn xharejn sa sena. Meta l-effett tal-offiża hu ta' importanza żgħira.*

*(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*

*(a) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħdamill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);*

*(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull każ ieħor.*

Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jistab hati l-imputat. Illi dan ipoggi lil Qorti fi forma ta' *fishing expedition* biex jideduci hu minn jeddu x'inhu l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinsab hati l-imputat. Illi dan isservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ggibx ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz qiset dak li jghid l-artikolu 221.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ma jindikax l-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali li huwa indikat bhala wiehed mill-mezzi fl-artikolu 221(2) tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin jekk tigi maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza kew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv.*

F'dan il-kaz mhuiex ikkontesta li nqala glieda u li l-griehi f'ghajnen il-vittma Rita Borg saru minn strument maghruf bhala 'ganc' li instab fuq id-dghajsa ta' l-imputat.

Madankollu kif inhu ben risaput meta Qorti Istruttorja tigi konvertita' f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm rinviju da' parti ta' l-Avukat Generali, l-Qorti tal-Magistrati tkun marbuta strettament bl-artikolu citati mill-Avukat Generali biss. F'dawn ir-rigward vide is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella[59], Il-Pulizija vs Enrico Petroni et[60], Il-Pulizija vs Joseph Aquilina[61]** u **Il-Pulizija vs Michael Carter[62].**

Stante li l-Avukat Generali ma indikax dan l-artikolu 217 tal-Kodici Krimninali, din il-Qorti tista tqis dawk imressaq quddiemha biss ghal-

[59] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 1996
[60] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[61] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002
[62] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Dicembru, 2001

kunsiderazzjoni taghha u ghalhekk ma tistax taghmel kunsiderazzjoniji ghal-gudizzjoni ghal fir-rigward ta' l-aritkolu 221(2) u 217 tal-Kodici Kriminali.

Kif ritenut in mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**[63]

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' latt tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant*

[63] Moghtija fl-10 ta' Novembru 2005

*tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[64]

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta b'mod car li l-incident sehh u dawn huwa fatt mhux kontestat kemm mill-imputat kif ukoll ix-xhieda kollha li xhedu.

Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda kollha u qiset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[65] Illi aparti multa li nghatat lill-imputat fis-sena 1981, il-fedina penali hija ghal kollox netta.

**Piena applikabbli ta' l-artikolu 216 u 221 tal-Kodici Kriminali**

Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh f'Gunju tas-sena 2016.

Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena punibbli ghal reat skont l-artikolu 216 u l-artikolu 221 kienu differenti. Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 gab ammenda fil-ligi fis-sena li l-piena ghal reat skond l-artikolu 216 tizdied ghal piena ta' prigunerjia ghal perjodu minn sena sa seba' snin u fil-kaz ta' l-artikolu 221(1) tizdied ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew il-multa.

---

[64] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004

[65] Folio 3 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli skond il-perjodu taz-zmien meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum bl-introduzzjoni tal-Att XIII tal-2018.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 216, 221, 252(1), 255, 339(1)(e) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib , lil Carmelo Ghigo hati ta' l-ewwel imputazzjoni fit-termini tal-artikolu 221 (u mhux tal-artikolu 216) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena wahda (1) millum skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 31 tal-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza tigi rrinvijata lil Kumitat ghall-Medjazzjoni bejn il-Vittmi u Min Wettaq ir-Reat sabiex jiddeterminaw l-adattabilita' u l-elegibilita' biex il-kaz jghaddi ghall-medjazzjoni bejn il-vittma u min wettaq ir-reat.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C(8)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Gilbert Borg, Rita Borg u Lirk Borg ghal perjodu ta' sena wahda bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni taghhom u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hati milli javvicina, jikkuntattja, jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti taghhom.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li gew mahtura esperti f'dan il-kaz, u li din il-kawza instemghet kontestwalment flimkien mal-kawzi l-Pulizija vs Giovanna Ghigo et u l-Pulizija vs Gilbert Borg et din il-Qorti tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' **mitejn u erbatax il-Ewro** tlieta u tletin centezmu (**€214.33**) rapprezentanti **terz** ta' l-ispejjez fl-ammont globali ta' sitt mija, tlieta u erbghin Ewro u centezmu (€643.01) kif rapprezentati hawn isfel u cioe:

1. Mitejn u tmienja u hamsin Euro u tmenin centezmu (€258.80)[66] li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert Dr. Mario Scerri MD;
2. Tlett mija u erba u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€384.21)[67] li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco.

skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registrati tal-Qrati u Tribunali Maltin.

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Jannar 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[66] Folio 80 ta' l-atti processwali
[67] Folio 143 ta' l-atti processwali

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**